MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 771/1986/1

Maria Concetta Shires mart Colin, assenti, f'isimha proprio u bhala legittima rappresentanta ta' uliedha minuri Michelle u Tristam u b'nota tal-20 ta' Ottubru, 1999 l-imsemmija Michelle u Tristam Shires assumew l-atti tal-kawza stante li saru maggorenni

vs

Vincent u Joseph ahwa Bonello u Giovanna Bonello, armla ta' Edgar Bonello ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha u b'digriet tal-24 ta' Ottubru, 2002 wara l-mewt ta' Giovanna Bonello il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' uliedha

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attrici nomine li biha ppremettiet:

Illi Edgar Bonello kien miet fil-15 ta' Lulju 1984 u kien ghamel testment fis-6 ta' Mejju, 1983, fl-atti tan-Nutar

Dottor Angelo Vella, minn liema testment kien gie rilaxxjat stralc;

Illi fl-istess testment skond l-Artikolu 5 tieghu Edgar Bonello kien iddisereda lil bintu Maria Concetta Shires, mart Colin, ai termini tal-artikolu 659 tal-Kodici Civili;

Illi fl-istess artikolu kien hemm addebiti kontra Maria Concetta Shires, li ma kienux minnhom, u li anke kieku kellhom ikunu fondati ma kienux jaghtu lok ghad-diseredazzjoni taghha;

Illi l-istess allegazzjonijiet kienu infondati ghal kollox, u kienu gew fabbrikati halli tigi evaza l-ligi dwar il-legittima lill-ulied;

Illi anke kieku kellha tigi dikjarata legittima xi wahda mir-ragunijiet ghad-diseredazzjoni, ulied l-attrici, u cioe` l-minuri Michelle u Tristam kellhom dritt huma ghall-istess legittima skond l-artikolu 663 tal-Kodici Civili;

L-atturi talbu lill-Qorti:

(1) tiddikjara u tiddeciedi li r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello missier l-attrici Maria Concetta Shires ghad-diseredazzjoni tal-istess attrici fl-ahhar testment tieghu mhumiex minnhom, ghalhekk id-diseredazzjoni taghha fl-istess testment hija nulla u bla effett u konsegwentement ghandha dritt ghal-legittima skond il-ligi;

(2) subordinatament tiddikjara li l-istess legittima, kemm-il darba m'ghandhiex dritt ghaliha Maria Concetta Shires ghandhom dritt ghaliha uliedha l-minuri Michelle u Tristam ahwa Shires.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici nomine.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi preliminarment, li l-istanza attrici kellha tigi michuda billi:

(a) Ghat-talba ta' l-attrici proprio kien josta l-gudikat cioe` s-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Settembru, 1986 fil-kawza fl-istess ismijiet odjerni (Citazz. 610/85/F);

(b) Ghat-talba attrici nomine kien josta l-artikolu 663 (2) tal-Kodici Civili ghax l-attrici ma kellhiex dritt tirrapresenta l-uliedha in konnessjoni mal-materja li kienet talbet ghalihom u, f'kull kas, fil-konvivenza tal-missier, l-attrici ma kellhiex ir-rappresentanza gudizzjarja ta' uliedha.

2. Bla prejudizzju tal-premess, ir-ragunijiet migjuba bhala bazi tad-diseredazzjoni kienu veri u rreintraw fid-dispost ta' l-artikolu 660 (d) u (e) tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat is-sentenza tat-18 ta' Jannar, 1990 ta' din il-Qorti diversament presjeduta dwar l-ewwel eccezzjoni fuq l-aspett tar-***res judicata***.

F'dik is-sentenza il-Qorti wara li:

1. sabet li ma hemmx l-***eadem personam*** [atturi mhux l-istess];

2. is-sentenza tal-15 ta’ Settembru, 1986 kienet cahdet it-talbiet attrici salv id-dritt tal-atturi relattivament ghal disposizzjonijiet ohra tat-testment;

3. dak li gie michud f’dik is-sentenza;

4. “Bl-ewwel domanda fil-kawza odjerna l-attrici qedgha titlob mill-Qorti tliet dikjarazzjonijiet jigifieri (i) li r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello, missier l-attrici Maria Concetta Shires, ghad-diseridazzjoni ta’ l-istess attrici fl-ahhar testment tieghu mhumiex minnhom; (ii) li ghalhekk id-deseredazzjoni taghha fl-istess testment hija nulla u bla effett; (iii) li konsegwentement ghandha dritt ghall-legittima skond il-ligi.”;

5. It-talbiet fil-kawzi huma differenti;

***6.*** Ma hemmx l-***eadem causa petendi;***

7. Xi domandi ma sarux fil-kawza l-ohra;

8. Ghalhekk ebda wahda mid-domandi fil-kawza tal-lum ma giet deciza fil-kawza ta’ qabel hlief wahda li pero` fuq kawza diversa;

Ghal dawn il-motivi cahdet din l-eccezzjoni.

Kien sar appell u gie deciz fil-5 ta’ April, 1991 fejn gie konfermat li ma kienx hemm identita` bejn il-materja ta’ l-ewwel kawza ma’ l-odjerna ghaliex ic-cahda ta’ talbiet f’dik l-ewwel kawza saret mhux fuq il-meritu intrinsiku taghhom imma fuq l-illogicita` taghhom kif korrettement kienu eccipew il-konvenuti f’dik il-kawza, u ghalhekk gie michud l-appell.

Xehed Vincent Bonello li qal huwa hu l-attrici, u qal li missierhom kien jaghtiha d-deheb lil Shires u ma kenitx thallsu tieghu, tant u hekk li missierhom qabel miet kien fethilha kawza f’dan ir-rigward. Qal ukoll, li missieru kien ta Lm3,000 dota u nizzilha fit-testment. Qal li ohtu gieli heddet lill-genituri u qaltilhom li xtaqet tarahom f’oqbra t-tnejn li huma. Qal li darba l-attrici hebbet ghalih fil-hanut

tieghu. Qal ukoll, li darba minnhom, ir-ragel t'ohtu hebb ghal missieru u tefghu ma' l-art. Semma li kien hemm okkazjoni fejn anke l-attrici qalet li riedet tara lil missierha u lil ommha mejtin f'sodda b'attakk f'qalbhom, u spjega li l-hanut tad-deheb li ghandha l-attrici kien ramah il-papa` tieghu. Qal ukoll, li darba minnhom hu u r-ragel ta' l-attrici gew fl-idejn, u li meta kienu jinqalghu l-kwistjonijiet l-attrici kienet tghid kliem iebes lill-genituri.

Xehed <u>Lawrence Martinelli</u> li qal huwa hu l-konvenuta, u z-ziju ta' l-attrici. Semma li xi ghaxar snin ilu kien hemm argument bejn l-attrici u l-genituri taghha, li kien jikkoncerna flus, deheb, u nuqqas ta' rispett reciproku, spjega li kien argument ferm shun u li ma ra lil hadd jigi fl-idejn, u li fid-dar tieghu qatt ma nqala' incident, u wara dan l-argument kien dam gimgha shiha jmur ghandhom biex iqarribhom. Huwa gie moqri t-testment, specifikament l-Artikolu 5 u qal li ma jiftakrx dawn il-grajjiet. Qal li kien ikun prezenti ghal laqghat bejniethom li kienu jkunu movimentati hafna izda qatt ma gew fl-idejn jew tefghu oggetti lil xulxin. Kien jaf li kien hemm il-kwistjoni bejn l-attrici u l-genituri taghha fir-rigward ta' jekk hallsitx id-deheb li kien ta.

Xehdet <u>Nazzarena Gauci</u> li qalet li kienet seftura ma' Edgar u Giovanna Bonello, u qalet lill-attrici lahqitha sia bhala xebba u kemm bhala mizzewga, u ghall-bidu li zzewget kienet tmur spiss id-dar tal-genituri taghha. Semmiet li wara li kienet inqalghet tilwilma bejn il-genituri Bonello, u l-ahwa Bonello kontra ohthom l-attrici, hija ma baqghetx tmur taghmel xoghol ta' seftura hemmhekk. Qalet li darba fost l-ohrajn, kienet semghet l-attrici tghajjat u tghid gejjin isawtuni u kienu hutha li marru ghaliha u kellha xi tracci ta' demm ukoll.

Xehdet <u>Maria Concetta Shires</u> li qalet li zzewget fil-15 ta' Novembru 1975, u marret toqghod l-Ingilterra mar-ragel taghha u wara sentejn giet lura. Semmiet li meta giet lura hadet hanut f'Birkirkara li kien ta' missierha, u mbaghad beda jinqala' l-inkwiet dwar li hi ma kenitx qed thallsu lura tad-deheb, u kien hemm anke kawza l-Qorti fuq dan. Spjegat li darba nqala' incident ma' hutha s-subien li kienu

hebbew ghaliha u tawha xeba, fil-prezenza ta’ Nazzarena Gauci s-seftura. B’referenza ghall-incident imsemmi fl-Artikolu 5 tat-testment, hi kienet marret tfittex lil missierha l-hanut il-Belt u ma sabitux, u kien hemm hutha s-subien u Vincent kellu l-acidu u tefaghhulha izda laqat il-karozza. Hija cahdet li hi qatt heddet lill-genituri taghha, u dakinhar ta’ dan l-incident ir-ragel taghha kien imsiefer. Cahdet ukoll li qatt kien hemm okkazjoni bhal ma gie allegat fit-testment.

Xehdet <u>Giovanna Bonello</u> li qalet li fit-testment ta’ zewgha t-tifla giet dizereditata. Semmiet li wara li zzewget it-tifla marret toqghod l-Ingilterra, u meta kienet hemm, zewgha mar jaghtiha LM3,000 li kienu nsterqulha, u meta giet lura mill-Ingilterra, hadet il-hanut ta’ Birkirkara. Qalet li r-relazzjonijiet bejniethom kienu tajbin izda bdiet issib xi affarijiet neqsin mill-kassaforti. Semmiet li huma bhala genituri hallsu diversi somom ta’ flus meta gew mitluba minn binthom, fosthom biex tinxtara cabin cruiser. Meta nqalghet tilwima bejniethom, qalet li t-tifla kienet qaltilhom lestu tlett oqbra. Qalet ukoll, li darba bintha marret il-hanut tal-Belt u hebbet ghal missierha, u wara kienet marret ghandha d-dar u waddbet suppiera ghal huha Vincent. Semmiet ukoll, li darba fost l-ohrajn, gie r-ragel ta’ l-attrici u hebb ghal zewgha tah daqqa ta’ ponn u tefghu ma’ l-art. Semmiet li zewgha kellu hafna nkwiet bit-tifla u miet fl-1984, u t-tifla ma kinitx giet ghall-funeral. Qalet li bintha qatt ma refghet idejha fuq missierha, izda sofrew theddid u kienet tghidilha lesti tlett oqbra. Hi kkonfermat il-kontenut ta’ l-Artikolu 5 tat-testment u kkonfermat il-firma taghha fuq dak it-testment. Semmiet ukoll, li qabel dan kienu ghamlu testment iehor, fejn it-tifla ma kinitx disereditata izda mbaghad minhabba l-agir taghha ddecidew li jbiddluh.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din il-kawza hija dwar diseredazzjoni. Illi l-attrici Maria Concetta Shires giet disereditata fit-testment datat 6 ta’ Mejju 1983. L-attrici sostniet li l-allegazzjonijiet imsemmija fit-testment huma infondati u ghalhekk talbet li d-diseredazzjoni taghha fl-istess testment hija nulla u bla effett. Fit-tieni lok, talbet li kemm-il darba m’ghandhiex

dritt ghal-legittima, ghandhom dritt ghaliha wliedha. Illi gie eccepit li r-ragunijiet ta' diseredazzjoni huma veri, kif ukoll, li hija m'ghandhiex dritt tirraprezenta lil uliedha, u dan ghar-rigward tat-talba taghha fil-konfront taghhom ghax m'ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja.

Il-Hames Artikolu tat-testment ***de quo*** jitkellem dwar id-diseredazzjoni:

"It-testaturi qeghdin jiddeseridaw ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi lil binthom Maria Concetta mart Colin Shires, kif provdut fl-Artikolu 659 tal-Kodici Civili ta' Malta ghar-raguni li din saret hatja ta' mohqrija lejn it-testaturi. Hekk, per ezempju, f'okkazjoni wahda, cirka sentejn ilu, fil-hanut tat-testatur, f'numru 216, Old Bakery Street, Valletta, l-imsemmija Maria Concetta Shires hebbet ghal missierha u hedditu b'oggett iebes u dan kollu gara fil-prezenza ta' wlied it-testatur, Joseph u Vincent, ahwa Bonello, billi wkoll f'diversi okkazjonijiet , l-istess Maria Concetta Shires heddet lit-testatur u fost affarijiet ohra, f'okkazjoni minnhom, fil-prezenza u fid-dar ta' Lawrence Martinelli din qalet: "lesti tlett oqbra" b'referenza specifiku ghat-testatur, oltre hafna ingurji ohra li f'din l-istess okkazjoni Maria Concetta Shires esprimiet ma' l-imsemmi Lawrence Martinelli kontra t-testatur; billi inoltre` f'okkazjoni ohra, fid-dar tat-testatur f'numru 187, Naxxar Rd, B'kara, fil-prezenza ta' certa Nazzarenu Gauci, Maria Concetta Shires hebbet bla ebda raguni u gustifikazzjoni ghal iben it-testatur Vincent Bonello u waddbitlu oggett iebes tac-ceramika (di proprjeta` tat-testatur) u kkagunatlu feriti. Xi gimghat wara dan l-incident, Colin Shires dahal fid-dar tat-testatur fuq imsemmi, u fil-prezenza taghhom hebb u sawwat lill-istess Vincent Bonello. Ukoll, ghall-habta ta' Gunju 1982, Maria Concetta Shires, fil-hanut taghha fuq indikat, qalet lit-testaturi li trid tarahom f'sodda b'marda twila u attakk f'qalbhom." (a fol 271 sa 273). Dan jinsab imnizzel ukoll fl-istralc tat-testment. (a fol 266).

Id-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw id-diseredazzjoni u li huma r-relevanti ghall-kaz tal-lum insibuhom fl-artikolu 623 ***et sequitur*** tal-Kodici Civili. Illi l-artikolu 623, jaghti lista ezawrjenti tar-ragunijiet li ghalihom dixxendenti jista' jigi diseredat.

Issa fil-kaz in ezami jistghu jkollhom importanza is-subincizi (d) u (e) ta’ dan l-artikolu;
(d) “jekk id-dixxendent sawwat it-testatur jew xort’ ohra sar hati ta’ mohqrija lejh”… u
(e) “jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta’ offiza gravi”;

Inolte l-artikolu 625 jiddisponi:
(1) Ir-raguni tad-diseredazzjoni ghandha tigi ppruvata minn dak li jsostni d-dizeredazzjoni.
(2) Jekk tkun issemmiet izjed minn raguni wahda, l-prova ta’ wahda hija bizzejjed.

Fit-testment ***de quo***, l-attrici giet mixlija b’mohqrija u offizi gravi taht l-artikolu 623(d) u (e) tal-Kap 16, u din il-mohqrija u offizi gravi huma dawk elenkati fl-artikolu 5 tat-testment li gie citat hawn fuq. Hawnhekk, ta’ min ighid, li l-piz tal-prova jinsab fuq min jallega r-raguni tad-diseredazzjoni. (Ara **Grezzju Mifsud et vs Giorgia Mifsud et** deciza fl-10 ta’ April 2003 mill-Prim’Awla Qorti Civili, u **Filippa Debono et vs Alfred Falzon et** deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 2003).

Illi jirrizulta li fil-hames artikolu tat-testment ***de quo*** kien hemm referenza ghal Lawrence Martinelli, li kien iz-ziju ta’ l-attrici, u li kien prezenti f’okkazjoni minnhom fil-prezenza u fid-dar tieghu stess. Illi fix-xhieda tieghu Martinelli qal hekk:
“Niftakar li snin ilu xi 9 jew 10 snin, bejn l-attrici u zewgha u ommha kien hemm argument bejniethom, fid-dar taghhom, Naxxar Road. Birkirkara, cioe` tal-attrici. Kien jikkoncerna fuq flus, deheb, nuqqas ta’ rispett reciproku. Jiena ma rajt lil hadd jigi fl-idejn. Kien argument ferm shun u dan mhux hazin, kienet xenata u tbaqbiqa min-naha ta’ missierha. Qatt ma kont prezenti ghal xi incident……Fid-dar tieghi, qatt ma nqala’ xi incident…..Ghall-incident li semmejt, mort gimgha shiha biex forsi jirrangaw.” (a fol 130-131).

F’dan il-kuntest, ta’ min ighid, li l-istut tad-dizeredazzjoni fil-Kodici taghna gej mid-Dritt Ruman. Dan l-istitut li

ghadu jezisti fil-Kodici taghna, gie abolit fil-Ligi Franciza u Taljana. **Pisanelli,** fir-ragunijiet ghall-abolizzjoni ta' dan l-istitut, fil-Ligi Taljana qal hekk:
"Ma un altro ordine di idee viene a respingere la diseredazione. Le cause principali che vi fanno luogo sono gia annoverate fra le cause d'indegnita`. Vien quindi meno in gran parte la sua giuridica importanza." (**Cattaneo,** Il Codice Civile Italiano Annotato, Torino 1865 p.543).

Il-Professur **Caruna Galizia** kkummenta fuq dan l-istitut; li fir-rigward ta' dan l-istitut, mhix il-ligi li qed tippenalizza lill-persuna, imma t-testatur innifsu, li jiddeciedi li jiddizonera lil xi hadd minn uliedu. (op.cit, p.1,004)

Illi gie ritenut mill-gurisprudenza nostrana li
"Fil-Kodici taghna giet segwita r-regola tad-Dritt Giustinianeo, illi l-kawza tad-dizederazzjoni ghandha tkun provata minghand min isostni d-dizeredazzjoni." (Ara **Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili, fis-7 ta' Jannar 1936).

F'dan il-kaz, il-Qorti kompliet issostni;
"Illi jista' jinghad illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva kontra min irid iwaqqa` d-dizeredazzjoni ghaliex ghandha tigi rispettata l-volonta` tat-testatur. Il-verita hija illi l-interpretazzjoni ghandha tkun restrittiva favur, u mhux kontra min qiehged jimpunja d-dizeredazzjoni, ghaliex id-dizeredazzjoni, kif ighid il-**Merlin** (loco citato) hija haga odjuza (page 824). Il-ligi anke kontra l-volonta` tat-testatur, irrizervat lil certi persuni sehem mill-wirt ta' l-istess testatur; biex kwindi t-testatur jista' b'dispozzizzjoni testamentarja jidderoga ghal-ligi, u jhassar l-effikacja tar-rizervi li l-ligi ghamlet anke f'kaz ta' preterizjoni mill-parti tat-testatur, hemm bzonn li tkun tezisti kawza minn dawk enumerati mil-ligi u hemm bzonn li tigi sodifacentement provata mill-eredi. Il-ligi tippermetti d-deroga ghad-dispozizzjonijiet taghha dwar ilk-legittima f'kazi determinanti; hemm bzonn kwindi li dawk il-kazi jigu ppruvati."

Fl-istess kaz gie ribadit:

"Skond id-dritt ta' l-Imperatur Giustiniano, Novella 115, f'kaz ta' insostenibilita` tad-diseredazzjoni, l-legittimarju kellu d-dritt tal-'***Querela Nullitatis ex Novo Jure'*** , li biha kien iwaqqa' l-istituzzjoni ta' l-eredi. Fid-Dritt Malti, l-legittimarju m'ghandux dan id-dritt, imma jiehu biss il-legittima."

Illi l-Artikolu 629 tal-Kap 16 jiddisponi:
"Meta fit-testment ma tkunx imsemmija r-raguni li ghaliha wiehed ikun gie dizereditat, jew ma tigix ippruvata, id-dizeredat ghandu jedd ghal-legittima biss."

Illi ghalkemm, gie sostnut kemm fl-Artikolu 5 tat-testment, kif ukoll fix-xhieda ta' Vincent Debono, hu l-attrici, li Maria Concetta Shires, kienet hebbet ghal missierha u hedditu b'oggett iebes u bil-ponta, imiss lill-konvenut li jippruvaw dan sabiex jisthoqqilha li tkun dizereditata. Bil-kuntrarju, mix-xhieda ta' Martinelli, ma jirrizultax li kien hemm glied bl-idejn bejn l-attrici u t-testaturi, izda glied bil-kliem biss. Din il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina jekk inekwivokalment hemmx il-prova li l-attrici sawwtet jew xort'ohra saret hatja ta' mohqrija, jew ikkawzat offiza gravi fuq it-testatur. Il-provi jidhru konfliggenti u ghalkemm jidher li l-attrici hebbet ghat-testatur ma hemmx prova konklusiva li fil-fatt hi sawtet jew ikkawzat offiza gravi fuq it-testatur. Zgur li t-testatur kien imwegga' bl-agir tal-attrici izda ma ma jwassalx ghall-provi sufficjenti ghal-diseridazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-attrici kienet hatja ta' mohqrija kontra l-genituri taghha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghal dawn il-motivi tichad it-tieni eccezzjoni.

L-eccezzjoni 1 (b) ghalhekk mhux applikabbli.

Dwar it-talba attrici ghalhekk tiddikjara u tiddeciedi li r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello missier l-attrici, Maria Concetta Shires ghad-diseredazzjoni tal-istess attrici fl-ahhar testment tieghu ma humiex sufficjentement validi u ghalhekk, id-diseredazzjoni taghha fl-istess testment hija nulla u bla effett u

konsegwentement ghandha dritt ghal-legittima skond il-ligi.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------